Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 42/2011

**Benjamin Bugeja**

**Vs**

**British High Commission (Malta)**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

B'decizjoni tal-1 ta' Novembru 2011, it-Tribunal Industrijali ddecieda:

*"Therefore, after having seen all the acts of this case, this Tribunal declares that it has been proven that Claimant was genuinely dismissed for reasons of redundancy, but the last-in-first out rule was not considered at all. Furthermore it has been proven that he has been discriminated against in his dismissal, in so far as other workers were granted rendundancy compensation and he was not granted anything. For this reason, this Tribunal orders that Respondent has to pay Claimant compensation in the global amount of forty three thousand Euros (€43,000), which has to be paid within forty days from today".*

Fir-rikors li bih l-appellat Bugeja beda l-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali spjega li kien impjegat full-time mal-Kummissjoni Ingliza sa mit-22 ta' April 1981 u fis-16 ta' Mejju 2008 gie tterminat l-impjieg tieghu minhabba *redundancy*. L-ilment tieghu kien:

*"3. Illi r-raguni moghtija mill-intimat ma tikkostitwix raguni gusta u sufficjenti fil-ligi ghat-terminazzjoni mill-impjieg taghha u dana billi r-raguni ta' rendundancy m'hijiex genwina u ma saritx skond il-ligi, ankke billi ma giex rispettat il-principju ta' last in first out, u dana kif jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kaz".*

L-aggravji tal-appellanti huma:

1. It-Tribunal Industrijali ddecieda fuq diskriminazzjoni fit-terminazzjoni tal-impjieg meta l-appellat m'ghamilx talba simili fir-rikors. Ghaldaqstant, is-sentenza hi nulla ghaliex *extra petita* jew *ultra petita* skond l-Artikolu 790 tal-Kap. 12.
2. L-appellatipprezenta r-rikors fis-17 ta' Settembru 2008 filwaqt li l-impjieg tieghu gie tterminat fis-16 ta' Mejju 2008.

3. It-Tribunal ta nterpretazzjoni zbaljata tal-kuncett last in first out ghaliex dan il-principju ma jippermettix il-possibilta' li impjegat jinghata cans li jmur jahdem f'sezzjoni ohra.
4. It-Tribunal ta nterpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 26 tal-Kap. 452.
5. Ladarba t-Tribunal ikkonkluda li r-*redundancy* kienet gustifikata, ma setax izomm lill-appellata responsabbli ghal danni minhabba diskriminazzjoni.
6. Fil-prattika d-decizjoni tat-Tribunal tghid li l-principji ta' redundancy kif kontemplati fil-Ligi ma japplikawx ghall-appellata u dan huwa ultra vires.

Il-qorti rat it-twegiba tal-appellata (fol. 12-25).

Rat ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri u l-atti tal-proceduri li saru quddiem it-Tribunal Industrijali.

**L-Ewwel Aggravju**.

It-Tribunal Industrijali llikwida kumpens fl-ammont ta' €43,000. Mill-parti dispozittiva tas-sentenza jirrizulta li t-Tribunal illikwida dan il-kumpens talli l-principal:-

1. Naqas milli japplika l-principju ta' *last in first out*.
2. Ikkommetta diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat gialadarba ma tahx l-istess kumpens li ta lill-impjegati ohra[1].

Mir-rikors li bih inbdew il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali hu evidenti li l-appellat ma kienx qieghed jilmenta li l-principal wettaq diskriminazzjoni, izda li l-appellat tkecca ngustament. Ghalhekk l-ilment tal-appellat ma kienx bazat fuq l-Artikolu 26 tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452). Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellat iddikjara:-

*"The decision given by the Industrial Tribunal was confirmed by the Court of Appeal on 26th March 2010[2]. This case, which was decided against the British*

---

[1] Fil-motivazzjoni t-Tribunal osserva: *"It was proven that several other workers were dismissed by Respondent for redundancy reasons, and in each case these were paid compensation which was by and large equivalent to two years pay. It seems that this compensation was granted to some but not to others, and this amounts to discrimination in the way termination of employment was handled. This compensation did not depend on whether the ex-employees would find an immediate alternative employment, but simply compensation for the mere fact that they were rendered redundant. In this respect, this Tribunal feels that Claimant should not be treated differently from other ex-employees who were dismissed from employment on redundancy reasons. Therefore compensation should be afforded to him as well".*

[2] Ir-riferenza hi ghal kaz **Jackie Jordan vs British High Commission** (kaz numru 2479) deciz mit-Tribunal fit-18.1.2010 u konfermat mill-Qorti tal-Appell fis-26.3.2010. F'dak il-kaz l-ilment tar-rikorrenti kien li mpjegata ohra nghatat kumpens mat-terminazzjoni tal-impjieg taghha minhabba redundancy filwaqt li hi ma rcevitx kumpens simili. Ghalhekk allegat li fil-konfront taghha twettqet diskriminazzjoni. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet li t-Tribunal kien

*High Commission, is very similar to the case under examination. In fact, claimants gave evidence in the proceedings instituted by Jackien Jordan against respondents, who was also made redundant and dismissed from her employment from the British High Commisson during the same period.* ***However, it must be pointed out that Jackie Jordan based her claims on the ground of discrimination, while claimants are claiming that they should not have been dismissed****"* (enfazi mizjuda).

Meta tqies l-ilment tal-appellat kif propost fir-rikors promotur u wkoll dak li hu stess iddikjara fin-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta fil-5 ta' Novembru 2010, ifisser li t-Tribunal iddecieda dwar xi haga li qatt ma kienet oggett ta' dawn il-proceduri. M'ghandux ikun li awtorita li tiggudika tiddeciedi *ultra petita*. L-aspett ta' diskriminazzjoni ma jissemmiex fir-rikors promotur u fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellat ghamilha cara li l-kaz tieghu kien differenti minn dak ta' Jackie Jordan li kienet ibbazat il-pretensjoni taghha fuq kaz ta' diskriminazzjoni. Mela dak li ddecieda t-Tribunal meta:

i. Qal: *"….. feels that Claimant should not be treated differently from other ex-employees who were dismissed from employment on redundancy reasons. Therefore compensation should be afforded to him as well"* u fil-parti dispozittiva qal: *"Furthermore, it has been proven that he has been discriminated against in his dismissal, in so far as other workers were granted redundancy compensation and he was not granted anything"*; u
ii. Fil-likwidazzjoni tal-kumpens ikkunsidra wkoll id-diskriminazzjoni li sofra l-appellat;

hu ***ultra petita***.

Il-qorti tiddikjara li hadet nota ta' dak li qalet din il-qorti fis-sentenza **Glynis Valerie Pace vs British High Commission (Malta)** tal-14 ta' Jannar 2015, izda ma taqbilx ma' dak kollu li nghad fil-parti li tittratta aggravju simili. Il-qorti ddikjarat li l-ilment ta' Pace ma kellu x'jaqsam xejn mad-diskriminazzjoni, pero' fl-istess hin qalet:-

*"Maghdud dana kollu, madankollu din il-Qorti hija tal-fehma, bhat-Tribunal, illi f'dan il-kaz partikolari il-kwistjoni ta' redundancy fejn impjegati ohra kienu gew moghtija kumpens, kellha iggib bhala konsegwenza wkoll l-ghoti ta' kumpens u dana sabiex ikun hemm trattament parifikatorju"*.

Il-qorti ghamlet riferenza ghad-drittijiet fundamentali. Din il-qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li ttiehdet fil-kaz ta' Pace ghaliex awtorita gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja ghandha tiddeciedi a bazi tal-ilment li jkun ippropona r-rikorrent u m'ghandhiex *ex officio* tissolleva ragunijiet ohra favur ir-rikorrent li

---

gustifikat li jakkorda lil Jordan *'trattament parifikatorju u dan permezz tar-retribuzzjoni li kien jisthoqqilha bhaal redundancy payment ghaz-zmien tas-servizz li pprestat lil British High Commission'*.

ma jkunux oggett tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Fin-nuqqas tkun qeghda tiddeciedi *extra petita* jew *ultra petita*.

F'kull kaz il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva wkoll li t-Tribunal iddecieda b'mod kontradittorju. Qieghed jinghad hekk ghaliex it-Tribunal:-

i. Ikkonkluda li l-principal naqas milli japplika l-principju tal-*last in first out*. Wiehed mill-kazijiet fejn principal jista' jittermina l-impieg ta' impjegat hu *redundancy* (Artikolu 36(3) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452). Gialadarba t-Tribunal ikkonkluda li fil-kaz tal-appellat il-principal naqas milli japplika l-principju tal-*last in first out* (Artikolu 36(4) tal-Kap. 452) dan ifisser li kien hemm tkeccija ngusta[3] peress li r-*redundancy* ma kellux japplika ghall-appellat;

ii. Ladarba kien hemm tkeccija ngusta ma kellu x'jaqsam xejn il-kumpens li nghata lil haddiehor bhala *redundancy payment*.

Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li tirrevoka s-sentenza u tibghat lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex tinghata decizjoni fuq il-provi li ngabru bazi tal-ilment kif propost mill-appellat.

**<u>Tieni Aggravju</u>**.

Jekk ghall-grazzja tal-argument l-appellanti kienet korretta fil-mod procedurali kif issollevat id-difiza li r-rikors sar wara li skada t-terminu ta' erba' xhur kontemplati fl-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452, dan l-aggravju xorta hu bla bazi. Jirrizulta li l-impjieg tal-appellat gie tterminat fis-16 ta' Mejju 2008. Skond l-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452:

*"Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha,* ***hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat****".*

Jekk wiehed ighodd il-granet li kien fadal biex jispicca x-xahar ta' Mejju 2008 mid-data meta gie tterminat l-impjieg (16 ta' Mejju 2008), kien fadal **tnax-il gurnata** (17 sal-31 inkluzi). Ghal dak li jirrigwarda x-xahar ta' Settembru 2008 meta l-appellatipprezenta r-rikors (17 ta' Settembru 2008) kienu ghaddew sittax-il gurnata (1 sas-16 inkluzi). Dan ifisser total ta' 28 gurnata.

---

[3] F'dan ir-rigward ukoll il-qorti tosserva li meta t-Tribunal qal: *"…. this Tribunal declares that it has been proven that Claimant was genuinely dismissed for reasons of redundancy, but the last-in-first-out rule was not considered at all"* (ara parti dispozittiva), hemm kontradizzjoni fil-konkluzjoni tat-Tribunal. Hu nkoncepibbli li jinghad li l-impieg gie tterminat geninwament minhabba redundancy u fl-istess nifs jinghad li *"the last-in-first-put rule was not considered at all"*. Sabiex ikollok redundancy genuine fil-konfront ta' impjegat, il-principal irid jikkunsidra wkoll il-kuncentt ta' LIFO qabel jittermina l-impieg tal-impjegat.

Sabiex tasal ghal total ta' erba' xhur m'ghandux ikun li jittiehdu granet minn xhur ohra, kif hu evidenti li ghamlet l-appellanti fir-rigward tax-xhur ta' Lulju u Awissu li fihom 31 gurnata. Bil-kalkoli kif ghamlithom l-appellanti jigi li kull xahar kellu 30 gurnata, meta dan m'huwiex il-kaz.

**Tielet Aggravju**.

Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti qeghda titlob lill-qorti sabiex taghmel apprezzament tal-fatti differenti minn dak li ghamel it-Tribunal. L-argument tal-appellanti hu li l-kuncett ta' *last in first out* kellu jigi applikat biss fir-rigward tat-Taqsima tal-Kummerc, cjoe t-Taqsima li fiha kien jahdem l-appellant.

L-Artikolu 36(4) tal-Kap. 452 jipprovdi:-

*"(4) Meta prinċipal ikun bi ħsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minħabba redundancy, hu għandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar* ***fil-klassi tal-impieg milquta*** *minn dik ir-redundancy:".*

Gialadarba ser jintlaqa' l-ewwel aggravju, il-qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tghaddi kummenti dwar dan sabiex jigi zgurat li l-gudizzju tat-Tribunal ma jkunx b'xi mod influwenzat.

**Raba' Aggravju**.

Dan hu ezawrit in vista ta' dak li diga' nghad b'riferenza ghall-ewwel aggravju.

**Hames Aggravju**.

Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellanti. Jista' jkollok sitwazzjoni ta' *redundancy* pero l-principal xorta ikun wettaq diskriminazzjoni. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti fil-kaz **Jackie Jordan vs Kummissjoni Ingliza**. Pero' fil-kaz in ezami l-ilment tal-appellat hu differenti mill-ilment fil-kaz ta' Jordan. Mehud in konsiderazzjoni dak li diga' nghad fir-rigward tal-ewwel aggravju, il-hames aggravju ma jibqax rilevanti.

**Sitt Aggravju**.

Dan l-aggravju m'huwiex rilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri in vista ta' dak li diga' nghad b'riferenza ghall-ewwel aggravju.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-appell billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju.**
2. **Tichad it-tieni aggravju.**
3. **Tiddikjara in vista li ntlaqa' l-ewwel aggravju m'hemmx htiega ta' pronunzjament dwar it-tielet aggravju, u dan ghar-raguni wkoll li ssemmiet hawn fuq.**

**4. Tiddikjara li m'hemmx lok li taghmel xi dikjarazzjoni dwar ir-raba', hames u sitt aggravju tal-appellanti in vista tal-fatt li ntlaqa' l-ewwel aggravju.**
**5. Thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Novembru 2011 u tibaghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex tinghata decizjoni fuq il-provi li ngabru u a bazi tal-ilment tal-appellat Bugeja kif maghmul fir-rikors li pprezenta fis-17 ta' Mejju 2008 u d-difiza li tat l-appellanti fid-dikjarazzjoni tal-fatti li pprezentat fit-28 ta' Ottubru 2008.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba dak li sehh ma kienx tort ta' xi hadd minnhom.**

Anthony Ellul.